



Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15970/23

Fajl Interistituzzjonal:
2022/0196(COD)

**CODEC 2264
AGRI 743
PESTICIDE 63
SEMENCES 108
AGRILEG 308
ENV 1377
PHYTOSAN 117
PE 149**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li temenda r-Regolament (UE) 2021/2115 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-20 sat-23 ta' Novembru 2023)

I. INTRODUZZJONI

Fil-15 ta' Novembru 2023, ir-rapporteur tal-Parlament Ewropew għall-proposta msemmija hawn fuq, Sarah WIENER (Ħodor/AHE, AT), ippreżzentat rapport li fih 428 emenda (l-emendi numru 1-428) f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI).

Barra minn hekk, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) ressaq 25 emenda (l-emendi numru 429-453), il-Grupp tax-Xellug ressaq 5 emendi (l-emendi numru 454-458), MPE individwali ressqu 7 emendi (l-emendi numru 459-461 u 685-687), il-Grupp ECR ressaq 12-il emenda (l-emendi numru 462 u 620-630), il-Grupp PPE ressaq 157 emenda (l-emendi numru 463-619), il-Grupp ID ressaq 18-il emenda (l-emendi numru 631-648), il-Grupp S&D ressaq 11-il emenda (l-emendi numru 649-659), u 1-Grupp Renew ressaq 25 emenda (l-emendi numru 660-684).

II. VOTAZZJONI

Fit-22 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew ivvota, fil-plenarja, kontra l-proposta tal-Kummissjoni.

F'konformità mar-Regola 59 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Kummissjoni mbagħad intalbet tirtira l-proposta.

It-talba sussegwenti mir-rapporteur skont ir-Regola 59 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament biex il-kwistjoni tiġi riferuta lura lill-kumitat responsab bli għal eżami mill-ġdid ġiet miċħuda.

Il-Parlament imbagħad ipproċeda biex jadotta r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument.

Użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 (COM(2022)0305 – C9-0207/2022 – 2022/0196(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0305),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0207/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Parlament Żvediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jixxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2022¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-15 ta' Marzu 2023²,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, u l-Kumitat ġħall-Iżvilupp,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0339/2023),

¹ ĠU C 100, 16.3.2023, p. 137.

² ĠU C 188, 30.5.2023, p. 43.

1. Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;
2. Jistieden lill-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.